# L-ISKULTUR BORMLIŻ SALVU PSAILA

**Tagħrif miġbur minn S.G.**

Kienu ħafna minn ulied Bormla li għamlu isem għalihom kif ukoll għal belt twelidhom, nies li rnexxew f'kull qasam tal-ħajja, skulturi, mużiċisti, disinjaturi, statwarji, dramaturgi, poeti, politiċi, eċċ. Fost dawn insibu l-isem ta' l-iskultur Salvatore Psaila, jew aħjar kif baqa' magħruf, Salvu Psaila.

**Ġenituri minn Għawdex**

Salvu Psaila kien iben Tumas Psaila u martu Margarita, imwielda Galea. Ommu twieldet in-Nadur, Għawdex. Kemm l-omm kif ukoll il-missier kienu joqogħdu f'dik il-parroċċa meta żżewġu fis-27 ta' Novembru, 1784 fin-Nadur. L-ewwel tliet ulied li kellhom, tifel Lorenzo, u żewġt ibniet Maria u Maria Ursola twieldu n-Nadur. Wara dan il-familja Psaila ġiet toqgħod f'Malta, proprju f'Bormla, il-belt ta' l-Immakulata, fejn fl-20 ta' Jannar, 1798 twieled Salvatore u ġie mgħammed l-għada l-21 ta' Jannar, 1789. Il-parriniet kienu Vincenzo Galea u Rosa Galea. Meta kellu madwar 30 sena, insibu li Salvatore kien mar joqgħod il-Furjana meta din kienet għadha mhux parroċċa, però kellha bħala viċi kurat lil Dun Tumas Psaila li kien jiġi l-kuġin ta' Salvatore. F'Ottubru ta' l-1829, huwa żżewweġ lil Lorenza Vella u fl-1831 kellu l-ewwel iben, Franġisku. Fl-1839 Salvu mar joqgħod f'Birkirkara fejn kellu tifel ieħor, Tumas. Sentejn wara fl-1841, martu mietet fl-età żgħira ta' 30 sena.



**Mgħallem fil-Barokk**

Skond P.P. Castagna, Salvu Psaila kien alliev ta' Marjanu Gerada (1778–1828) u taħtu xorob is-sengħa tal-Barokk. Salvu għex fiż-żmien meta l-iskultur Xandru Farrugia (1791–1875) ħadem l-istatwa tal-Lunzjata għal Ħal Tarxien u meta Pietru Pawl Azzopardi (1791–1871), ħadem l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju għall-parroċċa ta' Bormla. L-istess Marjanu Gerada li taħtu tħarreġ Salvu Psaila, ħadem l-istatwa ta' San Mikiel għall-parroċċa tagħna. Fl-1837 Salvu Psaila kien diġà magħruf sewwa kemm f'Birkirkara peress li f'dik is-sena kien ħadem l-istatwa maestuża ta' Sant' Elena għal dik il-parroċċa, kif ukoll fiż-Żurrieq peress li l-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu b'kuntratt li sar għand in-Nutar Paolo Farrugia fis-26 ta' Ottubru, 1840, ikkummissjonah biex jaħdem fl-injam l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu għal dik il-parroċċa. Huwa lestiha sentejn wara. Fratellanza oħra li kkummissjonat lil Psaila biex jaħdmilha statwa fl-injam, kienet dik ta' Sant'Andrija ta' Bormla. Salvu Psaila kien impressjonanti fl-espressjoni ta' l-anatomija. Huwa lesta l-istatwa fl-1844.

**L-Istatwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni f'Għawdex**

Il-kapaċità ta' Salvu Psaila kienet magħrufa sewwa, għalhekk il-Patrijiet Franġiskani, difensuri ta' l-Immakulat Konċepiment tal-Madonna, li kienu fir-Rabat, Għawdex, ikkummissjonawh biex jaħdem statwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni għall-kunvent tagħhom. Għad li ma nstabux kopji ta' xi kuntratt, jidher li din l-istatwa maħduma fl-injam, swiet madwar 400 skud li jinkludu l-materjal, il-ħlas ta' l-iskultur u l-induratura. L-istatwa x'aktarx inħadmet fis-sena 1848 meta Salvu Psaila kellu madwar 50 sena. Huwa ħadimha f'Birkirkara fejn kien joqgħod sa ma miet.

**Statwi oħra**

Wara l-istatwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, Psaila ħadem statwi oħra li ma tantx kabbrulu l-fama tiegħu, però baqa' jgawdi stima kbira minn kulħadd. Fis-sena 1857, qamet kwistjoni bejn l-iskultur Pietru Pawl Azzopardi u l-Fratellanza tal-Kurċifiss fil-parroċċa ta' Bormla, dwar l-istatwa tar-Redentur. Dak iż-żmien il-Qorti Ċivili ta' Malta fil-31 ta' Ottubru, 1857, innominat lil Psaila flimkien ma' żewġ artisti oħra, Pawlu Micallef u Anton Falzon, biex jagħti l-fehma tiegħu dwar il-materja. Ir-rapport kien iffirmat fis-17 ta' Novembru, 1857. Statwi oħra tiegħu għall-parroċċa tal-Birgu saru fl-1831, Kristu Marbut mal-Kolonna, l-*Ecce Homo* li Psaila għamlu bilqiegħda u bit-tbenġil tad-daqqa ta' ħarta ta' Malku u sentejn wara ntalab jaħdem l-istatwa ta' Kristu Rxoxt għall-istess parroċċa.

**Xogħol ta' Monumenti**

Bil-għajnuna ta' ibnu Franġisku, huwa ħadem diversi statwi u monumenti fl-irħam, fiż-żonqor jew fil-ġebla. Jingħad li kellu l-ħila jagħti l-kulur fuq l-irħam li jippenetra sa tliet linji ta' pulzier. Jingħad ukoll li għamel madwar 170 monument f'dan it-tip ta' xogħol. Fost l-oħrajn insibu statwa ta' San Publiju fil-Furjana,

*Ikompli f'pagna 23*

*Jaqbad minn pagna 21*

# Salvu Psaila

maħduma fl-1832 u oħra l-Belt Valletta fl-1853. Fl-1833 ħadem il-monument li jinsab fil-Barrakka ta' Fuq fil-Belt, mezzu bust fl-irħam ta' l-Ammiral Thomas Freemantle li miet fid-19 ta' Diċembru, 1819. Psaila kien imfittex ukoll għal xogħol dekorattiv fid-djar privati. Huwa miet f'Birkirkara fit-12 ta' Novembru, 1871 fl-età ta' 73 fid-dar fejn kien joqgħod 86, Triq il-Wied.



**Konklużjoni**

Hija ħasra li nies bħal dawn, ulied Beltna, ma jiġux imfakkra f'ismijiet ta' toroq f'Bormla, meta għandna toroq b'ismijiet li llum ma jagħmlux sens.

**Riferenzi**


Alexander Bonnici ofm cap – "L-Istatwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni għal S. Franġisk, Għawdex"

Fuljett Festa 2000 – Immakulata Kunċizzjoni Rabat Għawdex

Charles Galea Scannura – "Salvatore Psaila 1798 – 1871"

Fuljett Parrokkjali – Settembru 1995 – "BORMLA – Leħen il-Belt ta' l-Immakulata"





Dolce Casa Mobili

Manufacturers of high class furniture
for kitchens, main/spare bedrooms,
doors & upholsteries.
**Showroom: 7 Cospicua Road, Fgura**
Fax/Tel: +356 2180 9977
Mob: +356 9945 3414
Email: www.docecasa@waldonet.mt
www.YellowPagesMalta.com/docecasamobili/
Contact: Emanuel Fava




TISWIJIET T'ARLOGGI W GOJJELLERIJA

JOSRIN

WATCH DEALER AND JEWELLER

**14, St. Theresa Street, Cospicua CSP 02**
**Telephone: 21 80 51 76**
**E-mail: josrin@euroweb.com.mt**